



Brussell, 15 ta' Lulju 2020
(OR. en)

9666/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0099 (COD)

VOTE 42
INF 139
PUBLIC 53
CODEC 636

NOTA

- Suġġett:
- Riżultat tal-votazzjoni
 - Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri temporanji dwar il-limiti ta' żmien għall-istadji tal-ġbir, tal-verifika u tal-eżami previsti fir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19
 - = Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
 - = Deroga mill-perijodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-UE
 - = Eżitu tal-proċedura bil-miktub li ntemmet fl-14 ta' Lulju 2020

L-eżitu tal-votazzjoni dwar l-att leġiżlattiv imsemmi hawn fuq jinsab fl-Anness 1 għal din in-nota.

Dokument ta' referenza:

PE-CONS 23/20

data tal-adozzjoni mill-Coreper tad-deċiżjoni li tintuża l-Proċedura bil-Miktub
08.07.2020

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispejgazzjonijiet tal-votazzjoni jinsabu fl-Anness 2 għal din in-nota.



General Secretariat of the Council

Institution: Council of the European Union
 Session:
 Configuration:
 Item: 2020/0099 (COD) (Document: 23/20)
 Voting Rule: qualified majority
 Subject: Regulation of the European Parliament and of the Council laying down temporary measures concerning the time limits for the collection, verification and examination stages provided for in Regulation (EU) 2019/788 on the European citizens' initiative in view of the COVID-19 outbreak

Vote	Members	Population (%)
Yes	27	100%
No	0	0%
Abstain	0	0%
Not participating	0	
Total	27	

Sitting date: **14/07/2020**

Final result



Member State	Weighting	Vote	Member State	Weighting	Vote
BELGIQUE/BELGIË	2,58		LIETUVA	0,62	
БЪЛГАРИЯ	1,56		LUXEMBOURG	0,14	
Ceská republika	2,35		MAGYARORSZÁG	2,18	
DANMARK	1,30		MALTA	0,11	
DEUTSCHLAND	18,54		NEDERLAND	3,89	
EESTI	0,30		ÖSTERREICH	1,98	
ÉIRE/IRELAND	1,10		POLSKA	8,49	
ΕΛΛΑΔΑ	2,40		PORTUGAL	2,30	
ESPAÑA	10,49		ROMÂNIA	4,34	
FRANCE	14,98		SLOVENIJA	0,47	
HRVATSKA	0,91		SLOVENSKO	1,22	
ITALIA	13,65		SUOMI/FINLAND	1,23	
ΚΥΠΡΟΣ	0,20		SVERIGE	2,29	
LATVIJA	0,43				

* When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (15 MS) accounting for at least 65% of the population

For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

Dikjarazzjoni mir-Rumanija

Ir-Rumanija tifhem l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tippreserva l-effikaċja tal-istrument ta' inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej matul din il-pandemija u biex tiġi pprovduta riassigurazzjoni u ċarezza legali lill-organizzaturi ta' inizzjattivi li l-ġbir, il-verifika jew l-eżami tagħhom għadhom għaddejjin.

Ir-Rumanija tqis li f'din is-sitwazzjoni diffiċli hemm bżonn li jkun hemm politika ċara u soda li tapplika għall-Inizzjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, sabiex jiġi ppreservat il-karattru importanti tagħha ta' demokrazija parteċipattiva u jiġi żgurat li l-vuċi taċ-ċittadini Ewropej tkun tista' tinstema'.

Ir-Rumanija mhijiex ser topponi, fl-ispirtu ta' kompromess, il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, iżda tikkunsidra li xi wħud mid-dispożizzjonijiet ma jipprovdux ċarezza legali u trattament ugwali għall-IĊE. Ir-Rumanija tqis li l-punt l-aktar problematiku huwa l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jestendu l-perijodu ta' ġbir, li mhuwiex ċar u li jista' jwassal għal diskriminazzjoni bejn l-IĊE, speċjalment fil-każ ta' dawk li ffinalizzaw il-perijodu ta' ġbir tagħhom bejn il-11 ta' Marzu u l-11 ta' Settembru. Peress li t-test legali jipprovdi l-istess estensjoni għall-ġbir ta' firem mingħajr ma din tiġi adattata fuq bażi ta' każ b'każ, skont iż-żmien li jkun għadda f'kull każ, tali approċċ ser jirriżulta fi trattament mhux ugwali bejn dawn l-IĊE.

Il-pożizzjoni tar-Rumanija hija li, anki f'ċirkostanzi eċċezzjonali, att legali jeħtieġ li jkun legalment sod u jiżgura trattament ġust u ugwali lil dawk kollha li jintlaqtu minnu.